Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3030/93**

tat-12 ta' Ottubru 1993

dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi.

(ĠU L 275, 8.11.1993, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Commission Regulation (EC) No 3617/93 of 22 December 1993 (*)	L 328	22	29.12.1993
►M2	Commission Regulation (EC) No 195/94 of 12 January 1994 (*)	L 29	1	2.2.1994
►M3	Commission Regulation (EC) No 3169/94 of 21 December 1994 (*)	L 335	33	23.12.1994
►M4	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3289/94 tat-22 ta' Diċembru 1994	L 349	85	31.12.1994
►M5	Commission Regulation (EC) No 1616/95 of 4 July 1995 (*)	L 154	3	5.7.1995
►M6	Commission Regulation (EC) No 3053/95 of 20 December 1995 (*)	L 323	1	30.12.1995
►M7	emendat minn Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1410/96 tad-19 ta' Lulju 1996	L 181	15	20.7.1996
►M8	Commission Regulation (EC) No 941/96 of 28 May 1996 (*)	L 128	15	29.5.1996
►M9	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2231/96 tat-22 ta' Novembru 1996	L 307	1	28.11.1996
►M10	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2315/96 tal-25 ta' Novembru 1996	L 314	1	4.12.1996
►M11	Commission Regulation (EC) No 152/97 of 28 January 1997 (*)	L 26	8	29.1.1997
►M12	Commission Regulation (EC) No 447/97 of 7 March 1997 (*)	L 68	16	8.3.1997
►M13	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 824/97 tad-29 ta' April 1997	L 119	1	8.5.1997
►M14	Commission Regulation (EC) No 1445/97 of 24 July 1997 (*)	L 198	1	25.7.1997
►M15	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 339/98 ta' l-11 ta' Frar 1998	L 45	1	16.2.1998
►M16	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 856/98 tat-23 ta'April 1998	L 122	11	24.4.1998
►M17	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) no 1053/98 ta' l-20 ta' Mejju 1998	L 151	10	21.5.1998
►M18	Commission Regulation (EC) No 2798/98 of 22 December 1998 (*)	L 353	1	29.12.1998
►M19	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1072/1999 ta' l-10 ta' Mejju 1999	L 134	1	28.5.1999
►M20	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1591/2000 ta' l-10 ta' Lulju 2000	L 186	1	25.7.2000
►M21	Commission Regulation (EC) No 1987/2000 of 20 September 2000 (*)	L 237	24	21.9.2000
►M22	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2474/2000 tad-9 ta' Novembru 2000	L 286	1	11.11.2000
►M23	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 391/2001 tas-26 ta' Frar 2001	L 58	3	28.2.2001
►M24	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1809/2001 tad-9 ta' Awissu 2001	L 252	1	20.9.2001
►M25	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 27/2002 tat-28 ta' Diċembru 2001	L 9	1	11.1.2002

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

►**M26**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 797/2002 ta' l-14 ta' Mejju 2002	L 128	29	15.5.2002
►**M27**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2344/2002 tat-18 ta' Diċembru 2002	L 357	91	31.12.2002
►**M28**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 138/2003 tal-21 ta' Jannar	L 23	1	28.1.2003
►**M29**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 260/2004 tas-6 ta' Frar 2004	L 51	1	20.2.2004
►**M30**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 487/2004 tal-11 ta' Marzu 2004	L 79	1	17.3.2004
►**M31**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/2004 tat-13 ta' Settembru 2004	L 142M	235	30.5.2006
►**M32**	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004	L 153M	301	7.6.2006
►**M33**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 930/2005 tas-6 ta' Ġunju 2005	L 275M	403	6.10.2006
►**M34**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1084/2005 tat-8 ta' Lulju 2005	L 287M	94	18.10.2006
►**M35**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1478/2005 tat-12 ta' Settembru 2005	L 287M	329	18.10.2006
►**M36**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 35/2006 tal-11 ta' Jannar 2006	L 330M	5	28.11.2006
►**M37**	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	1	31.12.2008
►**M38**	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 54/2007 tat-22 ta' Jannar 2007	L 4M	28	8.1.2008
►**M39**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1217/2007 tat-18 ta' Ottubru 2007	L 275	16	19.10.2007
►**M40**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 139/2008 tal-15 ta' Frar 2008	L 42	11	16.2.2008
►**M41**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 502/2008 tal-5 ta' Ġunju 2008	L 147	35	6.6.2008
►**M42**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1328/2008 tat-22 ta' Diċembru 2008	L 345	28	23.12.2008

Emendat minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►**A2**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 142, 5.6.2007, p. 23 (54/2007)

NB: Din il-verżjoni konsolidata tinkludi referenzi għall-unità Ewropea ta' kont u/jew l-eku, li mill-1 ta' Jannar 1999 għandha tinftiehem bħala referenza għall-euro – Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3308/80 (ĠU L 345, ta' l-20.12.1980, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1).

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3030/93

tat-12 ta' Ottubru 1993

dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi.

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkonsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Komunità aċċettat l-estensjoni ta' l-arranġament dwar il-kummerċ internazzjonali fit-tessuti fuq il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll għall-estenzjoni ta' l-Arranġament u l-konklużjonijiet adottati mill-Kumitat tat-Tessuti tal-GATT fid-9 ta' Diċembru 1992 u annessi ma' dak il-Protokoll;

Billi l-Komunità innegozjat estensjoni għal tliet snin tal-ftehim eżistenti dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti ma' inumru tal-pajjiżi fornituri;

Billi l-ftehim in kwestjoni jistabbilixxi l-limiti kwantitattivi tal-Komunità għas-snin 1993, 1994 u 1995;

Billi l-Komunità innegozjat ftehim bilaterali ġodda u arranġamenti oħra ma' inumru ta' pajjiżi fornituri;

Billi l-Komunità innegozjat ftehim f'forma ta' protokolli addizzjonali dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti għall-ftehim Ewropew u/jew il-ftehim Interim, ma' inumru ta' pajjiżi fornituri;

Billi hemm huwa meħtieġ li jkun assigurat li l-għan jew li kull wieħed minn dawn il-ftehim, protokolli u arranġamenti oħra m'għandhomx jiġu evitati minħabba d-devjazzjoni tal-kummerċ; billi għalhekk hemm bżonn li jkun stabbilit il-mod li permezz tiegħu l-oriġini tal-prodotti in kwestjoni tkun verifikata u l-metodi li permezz tagħhom tintlaħaq il-koperazzjoni amministrattiva proprja;

Billi konformità mal-limiti kwantitattivi fuq l-esportazzjoni li jkunu stabbiliti taħt il-ftehim u l-protokolli jkunu assigurati permezz ta' verifika doppja tas-sistema; billi l-effett ta' dawn il-miżuri jiddependi fuq il-Komunità li tistabbilixxi sett ta' limiti kwantitattivi tal-Komunità biex ikunu applikati għall-importazzjoni tal-prodotti kollha mill-pajjiżi fornituri li l-esportazzjoni tagħhom huma soġġetti għal limiti kwantitattivi;

Billi l-prodotti mqiegħda f'żona ħielsa jew impurtati taħt l-arranġamenti li jirregolaw l-imħażen doganali, importazzjoni temporanja jew proċessar intern (sistema ta' sospensjoni) m'għandhomx ikunu soġġetti għal limiti kwantitattivi tal-Komunità bħal dawn;

Billi arranġamenti milħuqa mill-Komunità ma' pajjiżi terzi jkun fihom disposizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni ta' prodotti ta' folklor u maħduma bl-idejn fil-Komunità, u għaldaqstant ikun hemm bżonn li wieħed joħloq proċeduri adattati għall-implimentazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet;

Billi hemm bżonn li jsiru disposizzjonijiet għal regoli speċjali għal prodotti impurtati mill-ġdid taħt l-arranġamenti għall-ipproċessar barrani ekonomiku u għall-immaniġġjar tal-limiti kwantitattivi rilevanti tal-Komunità;

Billi, sabiex ikun assigurat li l-limiti kwantitattivi ma jinqabżux, hemm bżonn li tkun stabbilita proċedura speċjali ta' tmexxija li permezz tagħha l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jkunu jistgħu joħorġu liċenzi ta' l-importazzjoni qabel ma jiksbu konferma bil-quddiem mill-

▼B

Kummissjoni li għad hemm ammont disponibbli mil-limiti kwantitattivi in kwestjoni;

Billi hemm bżonn ukoll li jkunu introdotti proċeduri effiċjenti u ta' malajr biex jinbidlu l-limiti kwantitattivi u l-allokazzjoni tagħhom biex jitqies l-iżvilupp tal-linji tal-kummerċ, il-bżonn għal importazzjoni addizzjonali u l-obbligi tal-Komunità taħt l-arranġamenti inegozjat mal-pajjiżi forniturі;

Billi, fil-każ ta' prodotti mhux soġġetti għal limiti kwantitattivi, l-arranġamenti jipprovdu għal proċedura ta' konsultazzjoni li, fil-każ li l-volum ta' l-importazzjoni ta' kategorija speċifika ta' prodotti fil-Komunità teċċedi ċertu livell, jista' jintlaħaq ftehim mal-pajjiż fornituri dwar l-introduzzjoni ta' limiti kwantitattivi; waqt li l-pajjiżi fornituri jkunu jridu wkoll jissospendu jew jillimitaw l-esportazzjoni tagħhom middata tat-talba għal konsultazzjonijiet simili, fil-livell indikat mill-Komunità; waqt li jekk l-ebda ftehim ma jintlaħaq mal-pajjiż fornitur f'perijodu stipulat, il-Komunità tista' tintroduċi limiti kwantitattivi f'livell speċifiku annwali jew multiannwali;

Billi, f'ċerti ċirkostanzi partikolari, jista' jkun iktar aħjar li limiti kwantitattivi bħal dawn jiġu applikati f'livell reġjonali minflok f'livell tal-Komunità u għalhekk jinħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri effiċjenti biex jaslu għal miżuri xierqa li ma jfixklux bla bżonn il-funzjoni tas-suq intern;

Billi l-ftehim, il-protokolli jew l-arranġamenti ma' ċerti pajjiżi jipprevedu l-possibbiltà għall-Komunità biex tissuġġetta l-importazzjoni tattessuti u l-ħwejjeġ għal sistema ta' sorveljanza u għalhekk ikun hemm bżonn li jistabbilixxu l-proċeduri amministrattivi għall-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza bħal dawn;

Billi, bħala riżultat tat-twettiq tas-suq intern għall-prodotti tat-tessuti u l-ħwejjeġ fl-1 ta' Jannar 1993, il-limiti kwantitattivi tal-Komunità m'għadhomx jitqassmu f'partijiet ta' l-Istati Membri; waqt li arranġamenti ma' pajjiżi barra mill-Komunità jipprovdu għal konsultazzjonijiet fil-każ ta' xi problemi li jistgħu jinqalgħu bħala riżultat tal-konċentrazzjoni reġjonali ta' l-importazzjoni diretta fil-Komunità u hemm bżonn li jistabbilixxu proċeduri effettivi għall-implimentazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet;

Billi l-ftehim, il-protokolli u l-arranġamenti l-oħra ma' ċerti pajjiżi terzi jipprovdu għal sistema ta' koperazzjoni bejn il-Komunità u l-pajjiżi fornituri bl-għan li jevitaw il-qerq permezz ta' trasbord, bdil ta' rotot u mezzi oħra; billi tkun stabbilita proċedura ta' konsultazzjoni li permezz tagħha jkun jista' jintlaħaq ftehim mal-pajjiż fornituri in kwestjoni dwar aġġustament ekwivalenti għal-limiti kwantitattivi rilevanti meta jidher li sar qerq fil-ftehim; billi l-pajjiżi fornituri qablu wkoll li jieħdu l-azzjonijiet ineċessarji ħalli jassiguraw li kwalunkwe aġġustament ikun jista' jsir b'ħeffa; billi, fl-assenza ta' ftehim mal-pajjiż fornitur fil-ħin stipulat ipprovdut, il-Komunità tista, fejn ikun hemm xhieda ċara ta' qerq, tapplika l-aġġustamenti ekwivalenti:

Billi biex jinħarsu l-limiti ta' żmien milħuqa fil-ftehim hemm bżonn li tkun stabbilita proċedura rapida u effiċjenti għall-introduzzjoni ta' limiti kwantitattivi bħal dawn u għall-konklużjoni ta' ftehim bħal dan mal-pajjiżi fornituri;

Billi d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu applikati f'konformità ma' l-obbligi internazzjonali tal-Komunità, partikolarment ma' dawk imqanqla mill-ftehim imsemmija hawn fuq mal-pajjiżi fornituri,

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

▼B

Artikolu 1

Għan

▼M32

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(5) u għall-Artikolu 13, dan ir-Regolament għandu japplika għall-importazzjonijiet ta' prodotti ta' tessuti elenkati fl-Anness I, li joriġinaw minn pajjiżi terzi li magħhom il-Komunità ikkonkludiet ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra kif hemm elenkat fl-Anness II. Id-dispożizzjonijiet pertinenti ta' dan ir-Regolament għandhom ukoll japplikaw għall-importazzjonijiet ta' prodotti ta' tessuti u ta' lbies li joriġinaw miċ-Ċina fir-rigward ta' l-Artikolu 10a.

▼B

2. Għall-għanijiet ta' l-ewwel paragrafu, il-prodotti tat-tessuti li jaqgħu taħt is-Sezzjoni XI tan-nomenklatura maqgħuda jiġu klassifikati f'kategoriji kif imniżżla fl-Anness I.

3. Il-klassifikazzjoni tal-prodotti mniżżla fl-Anness I ikunu bbażati fuq in-nomenklatura maqgħuda (NM), bla ebda preġudizzju għall-Artikolu 2(6). Il-proċeduri għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu huma mniżżla fl-Anness III.

4. Bla ħsara għal din ir-regola, l-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti tat-tessuti msemmija fl-ewwel paragrafu ma tkunx soġġetta għal restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri li jkollhom l-istess effett.

5. L-oriġini tal-prodotti msemmija fl-ewwel paragrafu tkun determinata skond ir-regoli fis-seħħ tal-Komunità.

▼M28

6. Il-ħtiġijiet li jirrigwardaw il-prova ta' l-oriġini tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness III u fil-leġislazzjoni relevanti tal-Komunità' li hija fis-seħħ. Madankollu, prova ta' l-oriġini preżentata in konformita' mad-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1541/98 tista' wkoll tkun aċċettata fil-post tal-prova ta' l-oriġini meħtieġa minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra li jistabbilixxu ħtiġijiet iktar issikkati.

Il-proċeduri għall-verifikazzjoni ta' l-oriġini ta' dawk il-prodotti għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness IV u fil-leġIslazzjoni relevanti tal-Komunità' fis-seħħ.

▼M32

_____

▼M28

8. Permezz ta' deroga minn dan ir-Regolament, l-importazzjoni tal-prodotti tat-tessuti segwenti ma għandhomx ikunu soġġetti għal restrizzjonijiet kwantitattivi, liċenzar jew ħtiġijiet li jirrigwardaw prova ta' l-oriġini:

(a) Kampjuni tal-prodotti tat-tessuti li għandhom valur żgħir u li jistgħu jkunu użati sabiex jitolbu ordnijiet għal merkanzija tat-tip li jippreżentaw b'għan li jkunu impurtati fit-territorju tad-dwana tal-Komunità. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li ċerti artikoli, li jikkwalifikaw għall-eżenzjoni, jinġiebu b'mod permanenti mhux użati billi jkunu mqatta', bit-toqob, jew b'mod ċar immarkati jew immarkati bla ma jistgħu jitħassru jew minn proċessi kwalunkwe oħra, sakemm tali operazzjoni ma tħassarx il-karattru tagħhom bħala kampjuni. "Kampjun ta' prodotti tat-tessuti" ifisser kwalunkwe artikolu li jirrapreżenta tip ta' merkanzija li l-mod ta' preżentazzjoni u kwantita', għall-merkanzija ta' l-istess tip u kwalità', ma jikkonsidrawx l-użu tagħha għal kwalunkwe għan ħlief dak li jikseb l-ordinijiet.

(b) Kampjuni rappreżentattivi ta' prodotti tat-tessuti manifatturati barra t-territorju tad-dwana tal-Komunità' maħsuba għal trade fair jew ġrajja simili, sakemm

— jistgħu jkunu identifikati bħala kampjuni ta' avviż ta' valur wieħed baxx;

▼M28

— ma humix reklamati b'mod faċli; jew

— fil-valur u kwantita' totali tagħhom, huma adegwati għan-natura tal-wirja, in-numru ta' viżitaturi u d-daqs tal-parteċipazzjoni ta' l-eżebituri.

▼B

Artikolu 2

Limiti Kwantitattivi

▼M4

1. L-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti ta' tessuti elenkati fl-Anness V li oriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi fornituri elenkati f'dak l-Anness għandu jkun suġġett għal-limiti kwantitattivi annwali stabbiliti f'dak l-Anness.

▼B

2. Il-liberta għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità ta' oġġetti importati soġġetti għal-limiti kwantitattivi msemmija fl-Anness V ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu 12.

3. L-importazzjoni awtorizzata għandha tkun addebitata kontra l-limiti kwantitattivi mniżżla għas-sena f'liema l-prodotti jkunu trasbordati fil-pajjiż fornitur ikkonċernat. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, trasbord ta' prodotti għandu jitqies li seħħ fid-data meta dawn tgħabbew fuq il-mezz ta' trasport li qed jesporta.

▼M32

_____

5. Ir-rilaxx, għaċ-ċirkolazzjoni libera, ta' prodotti li l-importazzjoni tagħhom kienet soġġetta għal-limiti kwantitattivi qabel l-1 ta' Jannar 2005, kif hemm elenkat fl-Annessi Va u VIIa u li kienu ġew mbarkati qabel dik id-data għandu, sal-31 ta' Marzu 2005, jibqa' soġġett għall-preżentata ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni li għandha tinħareġ taħt ir-reġim ta' importazzjoni fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 2005. Il-kunsinna tal-merkanzija għandha titqies li tkun saret fid-data li fiha tkun tgħabbiet, fil-pajjiż fejn oriġinat, fuq l-ajruplan, vettura jew bastiment ta' esportazzjoni.

▼B

6. Id-definizzjoni ta' limiti kwantitattivi stipulati fl-Anness V u l-kategoriji tal-prodotti li japplikaw għalihom jkunu addottati skond il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 17, fejn din tinħass ineċessarja biex tassigura li kull emenda sussegwenti għan-Nomenklatura maqgħuda (NM) jew kwalunkwe deċiżjoni li temenda l-klassifika ta' prodotti bħal dawn ma tirriżultax fi tnaqqis għal-limiti kwantitattivi bħal dawn.

7. Sabiex jassigura li l-kwantitajiet li għalihom tinħareġ l-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni ma jeċċedux f'xi mument it-total tal-limiti kwantitattivi tal-Komunità għal kull kategorija ta' tessuti u ta' kull pajjiż terz ikkonċernat, l-awtoritajiet kompetenti joħorġu l-awtorizzazzjonijiet ta' l-importazzjoni biss fuq konferma tal-Kummissjoni li għad hemm kwantitajiet biżżejjed mil-limiti kwantitattivi tal-Komunità għall-kategoriji tal-prodotti tat-tessuti u għall-pajjiżi terzi ikkonċernati, li għalihom xi importatur jew importaturi jkunu ssottomettew applikazzjonijiet ma' l-imsemmija awtoritajiet.

▼M23

8. Fuq talba ta' l-Istat Membru nteressat, prodotti ta' tessuti li jkunu għand l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru, partikularment meta jkun hemm falliment jew proċeduri simili, li ma jkollhomx aktar permess validu ta' importazzjoni, jistgħu jinħarġu f'ċirkulazzjoni ħielsa skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 17(2).

▼M38

9. Ir-rilaxx għall-moviment liberu f'wieħed mill-Istati Membri l-ġodda li qed jaderixxi fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, jiġifieri r-Rumanija u l-Bulgarija, ta' prodotti tessili li huma soġġetti għal limitazzjonijiet kwantitattivi jew għal sorveljanza fil-Komunità u li kienu trasportati qabel l-1 ta' Jannar 2007 u li jidħlu fiż-2 Stati Membri l-ġodda fl-1 ta' Jannar 2007 jew wara għandhom jiġu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni. Awtorizzazzjoni ta' importazzjoni bħal din għandha tingħata awtomatikament u mingħajr limitazzjoni kwantitattiva mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati, flimkien ma' provi xierqa, bħal per eżempju polza ta' tagħbija, li l-prodotti ġew trasportati qabel l-1 ta' Jannar 2007.

Liċenzji ta' din ix-xorta għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni.

▼M37

10. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera f'wieħed miż-żewġ Stati Membri l-ġodda li jaderixxu ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, jiġifieri l-Bulgarija u r-Rumanija, tal-prodotti tas-tessuti li huma soġġetti għal limiti kwantitattivi jew għal sorveljanza fil-Komunità u li ġew mibgħuta qabel l-1 ta' Jannar 2007 u li jidħlu fiż-żewġ Stati Membri l-ġodda fl-1 ta' Jannar 2007 jew wara għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni. Din l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandha tingħata awtomatikament u mingħajr limitazzjoni kwantitattiva mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat, wara li tingħata evidenza adegwata, bħall-polza tat-tagħbija, li l-prodotti ġew mibgħuta qabel l-1 ta' Jannar 2007.

Tali liċenzji għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

▼B

Artikolu 3

Prodotti ta' folklor u maħduma bl-idejn

▼M13

1. Il-limiti kwantittattivi rriferiti fl-Anness V mhumiex se japplikaw għan-negozji żgħar u l-prodotti tal-folklor speċifikati fl-Anness VI li huma akkumpanjati minn ċertifikat ta' importazzjoni maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' l-oriġini skond id-disposizzjonijiet tal-Anness VI u li jwettqu l-kondizzjonijiet l-oħra mniżżlin hemm.

▼B

2. Il-libertà għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità tal-prodotti tat-tessuti msemmija fil-paragrafu 1 tingħata biss għal dawk il-prodotti assigurati minn dokument ta' importazzjoni maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, dejjem jekk il-prodotti simili maħduma bil-magni jkunu soġġetti għal-limiti kwantitattivi.

L-imsemmi dokument ta' importazzjoni jinħareġ awtomatikament fi żmien massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-preżentazzjoni mill-importatur taċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1 maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż fornitur.

Id-dokument ta' importazzjoni jkun validu għal sitt xhur u jkun juri r-raġunijiet għal eżenzjoni kif mogħtija fiċ-ċertifikat msemmi fil-paragrafu 1.

▼M32

_____

▼B

Artikolu 4

Importazzjoni temporanja

1. Il-limiti kwantitattivi msemmija fl-Anness V ma japplikawx għall-prodotti mqiegħda f'żona ħielsa jew taħt l-arranġamenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-imħażen doganali, l-importazzjoni temporanja u l-ipproċessar intern (sistema ta' sospensjoni) ([1]).

Fejn il-prodotti msemmija fil-sottoparagrafu ta' qabel jiġu sussegwentement liberati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, jew fl-istat oriġinali inkella wara x-xogħol jew l-ipproċessar, l-Artikolu 2(2) jiġi applikat u l-prodotti hekk liberati jiġu ċċarġjati skond il-limiti kwantitattivi stabbiliti għal dik issena li għaliha tkun inħarġet il-liċenza ta' l-importazzjoni.

2. Fejn l-awtoritajiet fl-Istati Membri jistabbilixxu li l-importazzjoni tal-prodotti tat-tessuti jkunu ġew iċċarġjati skond il-limiti kwantitattivi stipulati fl-Anness V u li dawn il-prodotti jkunu ġew sussegwentement esportati barra t-territorju doganali tal-Komunità, huma jinfurmaw lill-Kummissjoni fi żmien erba' ġimgħat dwar il-kwantitajiet ikkonċernati, li jiġu akkreditati mill-ġdid għal-limiti kwantitattivi pprovduti fl-Anness V u wżati skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12.

Artikolu 5

Proċessar għall-barra

Soġġetti għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness VII, il-prodotti tat-tessuti importati mill-ġdid fil-Komunità wara l-ipproċessar fil-pajjiżi stipulati f'dak l-Anness ma jkunux soġġetti għal-limiti kwantitattivi msemmija fl-Anness V, basta jkunu affettwati skond ir-Regolamenti dwar l-ipproċessar ekonomiku għall-barra mħaddem fil-Komunità.

▼M38

Ir-rilaxx għal moviment liberu ta' prodotti tessili mibgħuta minn wieħed mill-Istati Membri l-ġodda li qed jaderixxu ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007 lejn destinazzjoni 'l barra mill-Komunità għall-ipproċessar qabel l-1 ta' Jannar 2007, u importati mill-ġdid fl-istess Stat Membru f'din id-data jew wara, permezz ta' prova adegwata, bħalma hi dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, ma għandhomx jiġu soġġetti għal limiti kwantitattivi jew għal rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat għandhom jipprovdu informazzjoni dwar dawn l-importazzjonijiet lill-Kummissjoni.

▼M37

Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti tat-tessuti mibgħuta minn wieħed miż-żewġ Stati Membri l-ġodda li jaderixxu ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007 għal destinazzjoni barra l-Komunità għal ipproċessar qabel l-1 ta' Jannar 2007, u importati mill-ġdid fl-istess Stat Membru f'dik id-data jew warajha, wara li tingħata evidenza adegwata, bħad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, ma għandhomx ikunu soġġetti għal limiti kwantitattivi jew ħtiġiet ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat għandhom jipprovdu informazzjoni dwar dawk l-importazzjonijiet lill-Kummissjoni.

_____

([1]) Ara wkoll l-Appendiċi A ta' l-Anness V dwar il-prodotti tal-kategorija 33 impurtati miċ-Ċina, li għalihom hija meħtieġa awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni.

▼B

Artikolu 6

Il-Prezzijiet

1. Skond id-disposizzjonijiet relevanti tal-ftehim bilaterali mal-pajjiżi forniturі kkonċernati, fejn l-importazzjoni tal-prodotti tat-tessuti fil-Komunità stipulati fl-Anness I jiġu affettwati minn prezzijiet tassew baxxi, il-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha jew fuq talba ta' Stat Membru, tista' titlob konsultazzjonijiet ma' l-awtoritajiet tal-pajjiż fornitur in kwestjoni skond l-Artikolu 16.

2. Miżuri destinati biex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni jistgħu jiġu addottati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17, waqt li jingħata r-rispett meħtieġ lit-termini u l-kondizzjonijiet li hemm fil-ftehim bilaterali relevanti.

▼M32

Artikolu 7

Dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà

Sakemm huma jinnotifikaw lill-Kummissjoni minn qabel, il-pajjiżi forniturі jistgħu jagħmlu trasferimenti bejn il-limiti kwantitattivi elenkati fl-Annessi V u Va sal-limiti u soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Annessi VIII u VIIIa.

▼M13

Artikolu 8

Importazzjoni addizzjonali

Fejn, taħt ċirkostanzi partikolari, l-importazzjoni ‘il fuq minn dawk irriferiti fl-Anness V huma meħtieġa dwar waħda jew iżjed kategoriji ta' prodotti, opportunitajiet addizzjonali għall-importazzjoni matul sena mogħtija ta' kwota jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 17.

Fejn tali opportunitajiet addizzjonali jingħataw wara *over-licensing* mill-awtoritajiet ta' pajjiż li jipprovdi, dan se jkun soġġett għal tnaqqis ta' ammont li jikkorrispondi ma' l-ammont addizjonali mil-limitu kwantitattiv:

— ta' waħda jew iżjed kategoriji ta' prodotti li jappartjenu lill-istess grupp jew subgrupp ta' prodotti għas-sena ta' kwota korrenti (iżda tali ammont ma jeċċedix it-3 % tal-limitu kwantitattiv għall-kategorija li għaliha jkunu ngħataw l-opportunitajiet addizzjonali) u/jew

— ta' l-istess kategorija ta' prodotti għas-sena ta' kwota ta' wara.

F'każ ta' emerġenza, il-Kummissjoni għandha tiftaħ il-konsultazzjonijiet fil-Kumitat imwaqqaf skond l-Artikolu 17 fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara r-riċevuta ta' talba minn Stat Membru u se tieħu deċiżjoni fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol ikkalkolati mill-istess data.

Dawn l-opportunitajiet addizzjonali għall-importazzjoni mhumiex jiġu kkonsidrati bil-għan li jiġi applikat l-Artikolu 7.

▼M32

———————

▼M4

Artikolu 10

Miżuri ta' Protezzjoni

1. Jekk kemm-il darba l-importazzjoni ta' prodotti fil-Komunità li jaqgħu taħt kull kategorija, li ma jkunux suġġetti għal-limiti kwantitattivi maħruġa fl-Anness V u li oriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi elenkati fl-Anness IX jeċċedu, meta mqabbla ma' l-importazzjoni totali fil-Komunità ta' prodotti fl-istess kategorija fis-sena kalendarja preċedenti, il-perċentwali indikati fit-Tabella li tidher fl-Anness IX, dawk l-importaz-

▼M4

zjonijiet jistgħu jsiru suġġetti għal-limiti kwantitattivi skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Paragrafu 1 ma għandux japplika fejn il-perċentwali speċifikati hemmhekk inkisbu bħala riżultat ta' tnaqqis ta' l-importazzjoni totali fil-Komunità, u mhux bħala riżultat ta' żieda fl-esportazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiż fornitur ikkonċernat.

3. Jekk il-Kummissjoni, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru, tikkonsidera li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 huma ssodisfati u li kategorija partikolari ta' prodotti g]andhom ikunu suġġetti għal-limiti kwantitattivi:

(a) hija għandha tiftaħ konsultazzjonijiet mal-pajjiż fornitur ikkonċernat skond il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 16 bil-għan li jintlaħaq arranġament jew konklużjonijet konġunti fuq livell adegwat ta' restrizzjoni għall-kategorija jew prodott fil-kwistjoni;

(b) sakemm ma tinstabx soluzzjoni sodisfaċenti reċiproka, il-Kummissjoni għandha, bħala regola ġenerali, titlob lill-pajjiż fornitur partikolari sabiex jillimita l-esportazzjoni tal-prodotti lejn il-Komunità fil-kategorija kkonċernata, għal perjodu proviżorju ta' tliet xhur middata li fiha tkun saret it-talba għall-konsultazzjonijiet. Dan il-limitu proviżorju għandu jkun stabbilt għall-25 % tal-livell ta' importazzjoni matul l-aħħar sena kalendarja, jew 25 % tal-livell li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-formola stabbilita fil-paragrafu 1, skond liema minnhom ikun l-ogħla;

(ċ) huwa jista', sakemm jinħarġu d-deċiżjoniet tal-konsultazzjonijiet mitluba, japplika fuq l-importazzjoni tal-kategorija ta' prodotti fil-kwistjoni limiti kwantitattivi identiċi għal dawk mitluba mill-pajjiż fornitur skond il-punt (b). Dawn il-miżuri għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti defenittivi li għandhom isiru mill-Komunità, waqt li tikkonsidra r-riżultati tal-konsultazzjonijiet.

▼M32

_____

▼M4

7. (a) ►M32 Il-miżuri meħuda skond il-paragrafu 3 għandhom ikunu soġġetti għal komunikazzjoni mill-Kummissjoni pubblikata mingħajr dewmien fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. ◄

(b) Il-Kummissjoni għandha tirreferi każijiet urġenti lill-Kumitat kif ipprovdut fl-Artikolu 17 jew fuq inizjattiva tagħha stess jew fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mill-ilqugħ ta' talba minn Stat jew Stati Membri fejn tesponi r-raġunijiet ta' l-urġenza u għandha tieħu d-deċiżjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mit-tmiem tad-deliberazzjoni tal-Kumitat.

8. ►M32 Il-konsultazzjonijiet mal-pajjiż fornitur konċernat li huma previsti fil-paragrafu 3 jistgħu jwasslu għal arranġament bejn dak il-pajjiż u l-Komunità, dwar l-introduzzjoni u l-livell tal-limiti kwantitattivi. ◄ Dawn l-arranġamenti għandhom jistipulaw li l-limiti kwantitattivi miftiehma jkunu amministrati skond sistema ta' verifika doppja.

9. Jekk il-partijiet ma jirnexxilhomx jilħqu soluzzjoni sodisfaċenti fi żmien 60 ġurnata wara n-notifikazzjoni tat-talba għal konsultazzjonijiet, il-Komunità għandu jkollha d-dritt li tintroduċi limitu kwantitattiv definittiv f'livell annwali mhux inqas minn:

(a) fil-każ ta' pajjiżi forniturі elenkati fl-Anness IX, il-livell li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-formula stabbilita fil-paragrafu 1 jew 106 % tal-livell ta' importazzjonijiet milħuqa matul is-sena kalendarja ta' qabel dik li fiha l-importazzjonijiet qabżu l-livell li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-formula stabbilita fil-paragrafu 1 u li wasslet għat-talba ta' konsultazzjonijiet, skond liema minnhom ikun l-ogħla.

▼M32

_____

_____

▼M4

11. Il-limiti kwantitattivi stabbiliti skond dan l-Artikolu ma japplikawx għal prodotti li diġà ntbagħtu lill-Komunità kemm-il darba dawn ġew mibgħuta mill-pajjiż fornitur li fih oriġinaw għall-esportazzjoni lejn il-Komunità qabel id-data ta' notifikazzjoni għat-talba ta' konsultazzjonijiet.

▼M32

_____

13. Il-miżuri previsti fil-paragrafi 3 u 9 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati u implimentati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.

▼M28

Artikolu 10a

Disposizzjonijiet ta' protezzjoni speċjali għaċ-Ċina

1. Jekk importazzjonijiet fil-Komunità' ta' tessuti u prodotti ta' lbies li joriġinaw fiċ-Ċina u koperti bill-(ATC) li jheddew li jimpedixxu, minħabba d-distruzzjoni tas-suq, l-iżvilupp b'mod kontrollat talkummerċ f'dawk il-prodotti, tali importazzjonijiet jistgħu, matul il-perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru ta' l-2008, ikun magħmul soġġett għall-miżuri ta' protezzjoni speċIfiċI bill-kondizzjonijiet segwenti:

(a) Il-Kummissjoni - li taġixxi fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizzjattivia tagħha stess - għandha tiftaħ konsultazzjonijiet maċ-Ċina b'għan li tiffaċilita jew tbiegħed tali distruzzjoni tas-suq. It-talba għall-konsultazzjoni għandha tipprovdi liċ-Ċina bi stqarrija fattwali dettaljata tar-raġunijiet u ġustifikazzjonijiet għat-talba, bid-data kurrenti li juru l-eżistenza jew theddida tad-distruzzjoni tas-suq u r-rwol tal-prodotti ta' oriġini Ċiniża f'dik id-distruzzjoni. Konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien 30 jum mill-irċevuta tat-talba, il-perjodu ta' konsultazzjoni li jdum 90 jum minn tali rċevuta, sakemm estiżi bi ftehim komuni.

Fuq riċevuta tat-talba għall-konsultazzjonijiet iċ-Ċina għandha, matul il-perjodu ta' konsultazzjoni, żżomm il-merkanziji tagħha lill-Komunità' tat-tessuti jew prodotti tat-tessuti fil-kategorija jew kategoriji soġġetti għall-konsultazzjonijiet, f'livell mhux ikbar minn 7,5 % (6 % għal kategoriji tal-prodotti tas-suf) 'l fuq mill-ammont imdaħħal fl-ewwel 12-il xahar ta' l-14-il xahar l-aktar reċenti li jippreċedu x-xahar fejn it-talba għall-konsultazzjoni kienet magħmula.

(b) Il-Kummissjoni tista', jekk l-ebda soluzzjoni komuni sodisfaċenti ma ntlaħqet matul id-90 jum ta' perjodu ta' konsultazzjoni, tistabbilixxi limitu kwantitattiv għall-kategorija jew kategoriji soġġetti għall-konsultazzjonijiet. Il-limitu kwantitattiv għandu jkun stabbilit fuq il-bażi tal-livell fejn Iċ-Ċina żammet il-merkanija fuq irċevuta tat-talba tal-Komunità' għall-konsultazzjoni. It-terminu ta' dan il-limitu kwantitattiv għandu jkun effettiv għal perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru tas-sena fejn il-konsultazzjonijiet kienu mitluba, jew, fejn tlett xhur jew inqas baqgħu fis-sena fiż-żmien tat-talba għall-konsultazzjonijiet, għal perjodu li jispiċċa 12-il xahar wara t-talba għall-konsultazzjonijiet. Konsultazzjonijiet maċ-Ċina għandhom ikomplu matul it-terminu tal-limitu kwantitattiv stabbilit taħt din id-disposizzjoni.

(ċ) L-ebda azzjoni taħt dan il-paragrafu għandu jibqa' b'effett iktar minn sena mingħajr applikazzjoni mill-ġdid, sakemm miftiehem mod ieħor bejn il-Komunità u ċ-Ċina. Miżuri ma għandhomx ikunu applikati għall-istess prodott fl-istess ħin taħt dan il-paragrafu u d-disposizzjonijiet ta' Sezzjoni 16 tal-Protokoll ta' l-Adeżjoni taċ-

▼M28

Ċina għall-WTO. Miżuri li ttieħdu ma' punt (b) għandhom ikunu s-soġġett ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikat mingħajr dewmien fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

2. Il-limiti kwantitattivi stabbiliti ma' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal prodotti li diġa' ntbgħatu lill-Komunità' sakemm kienu mbaħħra mill-pajjiż li tissupplixxihom fejn joriġinaw għall-esportazzjoni lejn il-Komunità' qabel id-data ta' notifikazzjoni tat-talba għall-konsultazzjonijiet.

▼M32

2a. L-importazzjonijiet ta' prodotti ta' tessuti u ta' lbies koperti fl-Anness I li joriġinaw miċ-Ċina kif indikati fit-Tabella B ta' l-Anness III huma soġġetti għal sistema ta' sorveljanza unika preċedenti skond l-Artikolu 13 u l-Parti IV ta' l-Anness III. Ir-rekwiżit tal-ħruġ ta' dokument ta' sorveljanza ma għandux japplika fir-rigward ta' prodotti ta' tessuti u lbies li għalihom tinħareġ awtorizzazzjoni ta' importazzjoni skond l-Artikolu 2(5). Din is-sistema ta' sorveljanza preċedenti tiġi mitmuma ladarba s-sistema ta' sorveljanza ex-post għal finijiet doganali, stabbilita taħt l-Artikolu 13, tibda topera b'mod sħiħ. Id-deċiżjonijiet li jtemmu s-sistema ta' sorveljanza preċedenti u li jemendaw it-Tabella B ta' l-Anness III għandhom jittieħdu konformement ma' l-Artikolu 17.

▼M28

3. Il-miżuri provduti f'dan l-Artikolu, inkluż il-ftuħ ta' konsultazzjonijiet kif provduti fil-paragrafu 1(a), għandhom ikunu addottati u implimentati in konformita' mall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.

▼M32

▼B

Artikolu 12

Regoli Speċifiċi għall-amministrazzjoni tal-limiti kwantitattivi tal-Komunità

1. Għall-għan ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2(2), l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, qabel ma joħorġu awtorizzazzjoni għall-importazzjoni, jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-ammonti tat-talbiet għal awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni, appoġġjati minn ċertifikati oriġinali ta' l-esportazzjoni, li jkunu rċevew. Bħala reazzjoni, il-Kummissjoni tavża l-konferma tagħha li l-ammonti mitluba tal-kwantitajiet jkunu għad-disposizzjoni ta' l-importazzjoni f'ordni kronoloġika li fih ikunu rċevew in-notifiki mingħand l-Istati Membri (fuq bażi ta' "jinqdew skond min jasal l-ewwel"). Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali fejn ikun hemm raġuni biex wieħed jemmen li talbiet antiċipati għall-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni jistgħu jeċċedu l-limiti kwantitattivi, il-Kummissjoni, skond il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 17, tista' tillimita l-ammont li se jkun allokat fuq bażi "jinqdew skond min jasal l-ewwel" għal 90 % tal-limiti kwantitattivi in kwistjoni. F'każijiet bħal dawn, hekk kif jintlaħaq il-livell, l-allokazzjoni tal-bqija tkun deċiża skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17.

2. It-talbiet inklużi fin-notifiki lill-Kummissjoni jkunu validi kemm-il darba jistabbilixxu b'mod ċar f'kull każ il-pajjiż fornituri barra l-Komunità, il-kategorija tal-prodotti tat-tessuti konċernati, l-ammonti li se jkunu impurtati, in-numru tal-liċenza ta' l-esportazzjoni, is-sena tal-kwota u l-Istat Membru li fih il-prodotti jkunu intenzjonati li jitqiegħdu għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa.

3. Normalment in-notifiki msemmija fil-paragrafi preċedenti ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu komunikati elettronikament fin-network integrat stabbilit għal dan l-għan, għajr li minħabba raġunijiet tekniċi imperattivi jkun meħtieġ li jintużaw mezzi oħra ta' komunikazzjoni temporanja.

▼B

4. Sa fejn hu possibbli, il-Kummissjoni tikkonferma lill-awtoritajiet l-ammont kollu indikat fit-talbiet inotifikati għal kull kategorija ta' prodotti u għal kull pajjiż barra l-Komunità kkonċernat. Notifiki preżentati mill-Istati Membri li għalihom tista' tingħata konferma minħabba l-ammonti mitluba ma jkunx hemm iktar minnhom fil-limiti kwantitattivi tal-Komunità, jinħażnu mill-Kummissjoni f'ordni kronoloġika li fih tkun irċeviethom u jiġu kkonfermati fl-istess ordni hekk kif iktar ammonti jkunu għad-disposizzjoni, per eżempju permezz ta' l-applikazzjoni tal-flessibbiltajiet previsti fl-Artikolu 7. Barra minn dan il-Kummissjoni tikkuntattja l-awtoritajiet tal-pajjiż fornituri konċernat immedjatament f'każijiet fejn talbiet inotifikati jeċċedu l-limiti kwantitattivi biex tfittex kjarifika u soluzzjoni rapida.

▼M23

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom javżaw lill-Kummissjoni malli jkunu jafu b'xi prodotti mhux użati matul iż-żmien ta' validità tal-permess ta' importazzjoni jew meta jiskadi. Dawn għandhom jingħaddu awtomatikament ma' dak l-għadd li jkun baqa' fil-limitu Komunitarju totali kwantitattiv għal kull kategorija ta' prodott u għal kull pajjiż terz interessat.

▼B

6. L-awtorizzazzjonijiet ta' l-importazzjoni u dokumenti ekwivalenti jinħarġu skond l-Anness III.

7. L-Awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kull kanċellazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet ta' l-importazzjoni jew tad-dokumenti ekwivalenti li jkunu diġa inħarġu f'każijiet fejn il-liċenzi ta' l-esportazzjoni korrispondenti jkunu tneħħew jew tħassru mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż fornitur. Madankollu, jekk il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru jkunu ġew infurmati mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż fornitur dwar it-tneħħija jew il-kanċellazzjoni tal-liċenza ta' l-esportazzjoni wara li l-prodott relatat jkun ġie mpurtat fil-Komunità, il-kwantitajiet in kwestjoni jitqabblu mal-limiti kwantitattivi tas-sena li matula t-trasbord tal-prodotti jkun sar.

8. Il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17, tieħu l-miżuri ineċessarji biex timplimenta dan l-Artikolu.

Artikolu 13

Sorveljanza

▼M32

1. Fejn, konformement mad-dispożizzjonijiet pertinenti ta' xi ftehim, protokoll jew arranġament ieħor bejn il-Komunità u pajjiż terz, jew sabiex isir monitoraġġ tat-tendenzi ta' l-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw minn pajjiż terz, tiġi introdotta sistema ta' sorveljanza a priori jew a posteriori fuq xi kategorija ta' prodotti msemmija fl-Anness I li mhijiex soġġetta għal-limiti kwantitattivi elenkati fl-Anness V, il-proċeduri u l-formalitajiet li jikkonċernaw il-kontrolli singoli u doppji, il-perfezzjonament passiv ekonomiku, il-klassifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' l-oriġini għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Annessi III u IV.

▼B

2. Il-kategoriji tal-prodotti u l-pajjiżi barra mill-Komunità suġġetti bħalissa għas-sorveljanza, skond il-paragrafu 1, huma msemmija fit-tabella fl-Anness III.

▼M32

3. Id-deċiżjoni li timponi s-sistema ta' sorveljanza fuq kategoriji ta' prodotti jew fuq pajjiżi fornituri mhux elenkati fit-tabelli fl-Anness III għandha tittieħed, fejn ikun applikabbli, skond id-dispożizzjonijiet pertinenti dwar konsultazzjonijiet kontenuti fil-ftehim, protokoll jew arranġamenti oħra mal-pajjiż terz konċernat.

▼M32

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li tintroduċi sistema ta' sorveljanza a priori jew a posteriori. Id-deċiżjonijiet li jimponu s-sistema ta' sorveljanza a priori kif ukoll kwalunkwe miżuri oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din is-sistema għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.

▼B

Artikolu 15

Iċ-Ċirkumvenzjoni

▼M32

1. Fejn, wara li jsir il-ġbir ta' informazzjoni skond il-proċeduri stabbiliti fl-Anness IV, il-Kummissjoni ssib li l-informazzjoni li għandha fil-pussess tagħha tikkostitwixxi prova li prodotti li joriġinaw f'pajjiż fornitur elenkat fl-Anness V u li huma soġġetti għal-limiti kwantitattivi msemmija fl-Artikolu 2 jew li huma introdotti skond l-Artikoli 10 jew 10a ġew trasbordati, devjati jew b' xi mod ieħor impurtati fil-Komunità permezz ta' l-evażjoni ta' tali limiti kwantitattivi u li hemm bżonn isiru l-aġġustamenti meħtieġa, hija għandha titlob li jinbdew l-konsultazzjonijiet, konformement mal-proċedura deskritta fl-Artikolu 17, sabiex jista' jintlaħaq ftehim dwar l-aġġustament ekwivalenti tal-limiti kwantitattivi korrispondenti.

▼B

2. Sakemm isiru l-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' titlob lill-pajjiż fornitur ikkonċernat biex jieħu l-passi prekawzjonarji ineċessarji biex jassigura li l-aġġustamenti kwantitattivi miftiehma wara konsultazzjonijiet bħal dawn jitwettqu għas-sena li fiha tkun saret it-talba għall-konsultazzjonijiet jew għas-sena ta' wara, jekk il-limiti kwantitattivi għal dik is-sena jkunu intlaħqu, fejn hemm evidenza ċara ta' ċirkumvenzjoni.

3. Jekk il-Komunità u l-pajjiż fornitur jonqsu li jaslu għal soluzzjoni sodisfaċenti fil-perjodu stipulat fl-Artikolu 16 u jekk il-Kummissjoni tinnota li hemm evidenza ċara ta' ċirkumvenzjoni, allura hi, skond il-proċedura stipulata fl-Artikoli 17, tnaqqas mil-limiti kwantitattivi volum ekwivalenti għall-prodotti li joriġinaw mill-pajjiż fornituri konċernat.

4. Skond id-disposizzjonijiet tal-protokolli u ta' ċerti ftehim bilaterali milħuqa ma' pajjiżi barra mill-Komunità, fejn evidenza biżżejjed turi li tkun saret dikjarazzjoni falza dwar il-kontenut ta' l-ammont ta' fibra, kwantitajiet, deskrizzjoni jew klassifikazzjoni tal-prodotti ġejjin mill-pajjiżi konċernati, l-awtoritajiet tal-Komunità jistgħu jirrifjutaw il-prodotti in kwestjoni.

Barra minn dan, jekk jidher li t-territorju ta' xi wieħed minn dawn il-pajjiżi jkun involut fit-trasbord jew fi bdil tar-rotot tal-prodotti li ma joriġinawx f'dak il-pajjiż, il-Kummissjoni tista' tintroduċi limiti kwantitattivi kontra l-istess prodotti ġejjin mill-istess pajjiż, jekk mhux diġa huma suġġetti għal-limiti kwantitattivi, jew tieħu kwalunkwe miżura ineċessarja.

▼M13

5. Barra minn dan, fejn ikun hemm evidenza li kienu involuti t-territorji ta' pajjiżi terzi li huma Membri tal-WTO imma li mhumiex imniżżlin fil-lista ta' l-Anness V, il-Kummissjoni għandha titlob li jsiru l-konsultazzjonijiet mal-pajjiż terz jew pajjiżi kkonċernati skond il-proċedura deskritta fl-Artikolu 16 sabiex tittieħed azzjoni xierqa biex tiġi indirizzata l-problema. Il-Kummissjoni, skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 17, tista' tintoduċi limiti kwantitattivi kontra l-pajjiż terz jew il-pajjiżi kkonċernati jew tista' tieħu kwalunkwe miżuri oħra xierqa.

▼B

Artikolu 16

Konsultazzjonijiet

▼M13

1. Il-Kummissjoni, skond il-proċedura mniżżla ►M23 fl-Artikolu 17a ◄, għandha tikkonduċi l-konsultazzjonijiet irriferiti f'dan ir-Regolament skond ir-regoli li ġejjin:

▼B

— Il-Kummissjoni tgħarraf lill-pajjiż fornitur konċernat dwar it-talba għal konsultazzjonijiet,

— it-talba għall-konsultazzjonijiet ikunu segwiti fi żmien raġonevoli (u fi kwalunkwe każ mhux wara 15-il jum wara in-notifika) minn stqarrija li tesprimi r-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi li, fl-opinjoni tal-Komunità, jiġġustifikaw is-sottomissjoni għal talba bħal din,

— il-Kummissjoni tibda l-konsultazzjonijiet, l-iktar fi żmien xahar minn inotifika tat-talba, b'tama li jintlaħaq ftehim jew konklużjonijiet aċċettabbli reċiprokament l-iktar fi żmien xahar ieħor.

▼M32

_____

▼M23

L-Artikolu 17

Kumitat tat-Tessuti

1. Il-Kummissjoni għandha jkollha biex jgħinha kumitat ('il quddiem imsejjaħ "Kumitat tat-Tessuti";).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni numru 1999/468/KE għandhom japplikaw.

Iż-żmien imsemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni numru 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

3. Il-Kumitat tat-Tessuti għandu jagħmel ir-regoli tal-proċedura tiegħu.

L-Artikolu 17a

Il-president jista', minn jeddu jew fuq talba ta' wieħed mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, jikkonsulta mal-kumitat tat-tessuti fuq kull ħaġa oħra li jkollha x'taqsam ma' kif jaħdem jew japplika dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 18

Disposizzjonijiet finali

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mal-ewwel bil-miżuri kollha meħuda skond dan ir-Regolament u bil-liġijiet kollha, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi dwar arranġamenti għall-importazzjoni tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Emendi għall-Annessi għal dan ir-Regolament li jistgħu jinħtieġu biex wieħed jasal għall-konklużjoni, emenda jew tmiem ta' ftehim, protokolli jew arranġamenti ma' pajjiżi barra l-Komunità jew emendi magħmula fir-regoli tal-Komunità fuq l-istatistika, arranġamenti doganali jew regoli komuni dwar l-importazzjoni jiġu addottati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17.

▼M32

Artikolu 20

Dan ir-Regolament ma għandux jippreġudika d-dispożizzjonijiet tal-ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II.

▼B

Artikolu 21

Ir-Regolament (KEE) Nru No 958/93 huwa b'dan imħassar, għajr għad-disposizzjonijiet transizzjonali tiegħu li jibqgħu fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 1993.

▼M32

Artikolu 21a

Ir-riferimenti għall-Annessi V, VII, u VIII għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-Annessi Va, VIIa u VIIIa.

▼B

Artikolu 22

Dan ir-regolament jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan japplika mill-1 ta' Jannar 1993.

Dan ir-Regolament jorbot kollu kemm hu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

Lista ta' l-Annessi

I. Lista tal-prodotti tat-tessuti

II. Lista tal-pajjiżi ta' l-esportazzjoni

III. Proċeduri għall-klassifikazzjoni, oriġini, sistema ta' verifika doppju, sorveljanza

IV. Koperazzjoni amministrattiva

V. Lista tal-limiti kwantitattivi tal-Komunità

VI. Prodotti ta' folklor u maħduma bl-idejn

VII. Limiti kwantitattivi tal-Komunità għall-importazzjoni mill-ġdid taħt l-ipproċessar ekonomiku għall-barra

VIII. Disposizzjonijiet flessibbli

IX. Klawsoli ta' salvagwardja, pakkett ta' limiti ta' ħruġ

▼M42

ANNESS I

PRODOTTI TAT-TESSUTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1 ([1])

1. Bla ħsara għar-regoli ta' interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-oġġetti huwa kkunsidrat bħala li huwa ta' valur indikattiv biss, għaliex il-prodotti koperti minn kull kategorija huma determinati, fi ħdan dan l-Anness, minn Kodiċi NM. Fejn hemm is-simbolu "ex" quddiem kodiċi NM, il-prodotti koperti f'kull kategorija huma determinati mill-ambitu tal-kodiċi NM u b'dak tad-deskrizzjoni korrispondenti.

2. Meta il-materjal kostituttiv tal-prodotti tal-kategoriji 1 sa 114 li joriġinaw fiċ-Ċina ma jissemmiex speċifikament, dawn il-prodotti għandhom jitqiesu li jkunu esklussivament magħmula mis-suf jew xuxa fina tal-annimal, mill-qoton jew mill-fibri magħmula mill-bniedem.

3. Ħwejjeġ li ma jintgħarfux jekk humiex ħwejjeġ għall-irġiel jew għas-subien jew inkella ħwejjeġ għan-nisa jew għall-bniet huma kklassifikati ma' dawk imsemmija l-aħħar.

4. Fejn tintuża l-espressjoni "ħwejjeġ tat-trabi", din maħsuba li tkopri ħwejjeġ sa u tinkludi d-daqs kummerċjali 86.

Il-Kategorija	Id-Deskrizzjoni Il-Kodiċi NM 2009	It-Tabella ta' ekwivalenza	
		biċċiet/kg	g/biċċa
(1)	(2)	(3)	(4)
	GRUPP I A		
1	Ħjut tal-qoton, mhux maħruġa għall-bejgħ bl-imnut 5204 11 00 5204 19 00 5205 11 00 5205 12 00 5205 13 00 5205 14 00 5205 15 10 5205 15 90 5205 21 00 5205 22 00 5205 23 00 5205 24 00 5205 26 00 5205 27 00 5205 28 00 5205 31 00 5205 32 00 5205 33 00 5205 34 00 5205 35 00 5205 41 00 5205 42 00 5205 43 00 5205 44 00 5205 46 00 5205 47 00 5205 48 00 5206 11 00 5206 12 00 5206 13 00 5206 14 00 5206 15 00 5206 21 00 5206 22 00 5206 23 00 5206 24 00 5206 25 00 5206 31 00 5206 32 00 5206 33 00 5206 34 00 5206 35 00 5206 41 00 5206 42 00 5206 43 00 5206 44 00 5206 45 00 ex 5604 90 90		
